MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 1321/2000/1

**Elmo Insurance Agency Ltd**

**vs**

**Gordon Ogilvie u Sheryle Ogilvie**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija tlettax il-lira Maltin u tminja u sittin centezmi (Lm313.68) bilanc ta 'somma akbar dovuta bhala "premium" fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga favur taghhom (komprizi xi spejjes legali) kollox skond ma jirrizulta mill-istatement dettaljat u unit markat Dok A.

Bl-ispejjes tal-proceduri u bl-imghax ta' 8% fis-sena mid-data ta' l-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokument anness mal-atti a fol 2 kif ukoll dak verbalizzat a fol 11 minn fejn jidher li ghad hemm bilanc li ghandu jithallas mill-konvenuti ammontanti ghal Lm263.78 oltre l-atti kollha tal-kawza.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-tlieta (3) ta' Dicembru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm263.78,0 bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mill-25 ta' Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur